# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Erbgħa u għoxrin (24) ta' Ġunju 2021**

**Rikors Numru 1127/2017 FDP**

Fl-ismijiet

**Raymond Camilleri**

**Vs**

**Direttur Ġenerali (Dwana)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 15 ta' Diċembru 2017, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

    *Illi r-rikorrent nhar il-erbgħa (4) ta' Novembru 2017 ġie mwaqqaf mill-uffiċjali tad-dwana ġewwa Bormla u ġie suġġett għal tfittxija ġewwa l-vann tiegħu tat-tip Peugeot Partner (LCH- 639). Illi x'ħin saret din it-tfittxija ġewwa t-tali vann, l-uffiċjali tad-dwana allegatament sabu merkanzija li tikkonsisti f'sigaretti tat-tip 'Business Royals Red' u 'Oris Super Slims Lights'. Illi riżultat ta' din l-allegata sejba, l-vann tiegħu tat-tip Peugeot Partner ġie ssekwestrat b'dak kollu li kien hemm ġewwa fih.*

    *Illi wara din t-tfittxija, l-uffiċjali tad-dwana flimkien ma' numru sostanzjali ta' Pulizija marru jagħmlu tfittxija ġewwa r-residenza privata tar-rikorrent '37, Evergreen, Triq il-Kwarta, is-Swieqi'. Illi hawnhekk allegatament instabu xi*

*sigaretti tat-tip 'Marlboro Red' u 'American Legends'. Illi dawn s-sigaretti ġew ukoll sekwestrati mill-uffiċjali tad-dwana.*

*Illi nhar it-tmienja (8) ta' Novembru 2017, inħarġu żewġ Noti ta' Qbid, bin-numri 219/2017 u 220/2017, rispettivament. Illi fin-Nota Nru 219/2017, li tinsab hawn ppreżentata bħala 'Dok RC V ir-rikorrent ġie mgħarraf li nstabulu fil-vettura ġewwa Triq San Ġwann t'Għuxa Bormla: "150 Kartuna b' 200 sigarett kull kartuna - Business Royals Red" u "5 Kartuniet b'200 sigarett kull kartuna - Oris Super Slims Lights', kif ukoll li ġewwa r-residenza tal-Ibraġġ is-Swieqi nstabulu "3 kartuniet b'200 sigarett kull kartuna - Marlboro Red, kartuna b' 7 pakketti b' 20 sigarett kull pakkett - Marlboro Red, u 6 pakketti b' 20 sigarett kull pakkett - American Legend". Illi r-raġuni mogħtija għal dan il-qbid kienet dik ta' "Ksur tal-Artikli 60 (a) (b) (k), tal-Ordinanza tad-Dwana, Kap 37 u 17 (l)(a)(d), kif ukoll tar-Regolament (7) tat- Taqsima C fis-Sitt Skeda, tal-Att dwar Dazju tas-Sisa Kap 382 Liġijiet ta' Malta." Illi minn naħa l-oħra, n-Nota Nru 220/2017 li tinsab hawn ppreżentata bħala 'Dok RC2' nħarġet għal konfiska tal-vann Peugeot Partner (LCH639) bir-raġuni li "il-vettura msemmija, intużat bħala mezz ta' ġarr, ħabi u żamma ta' oġġetti għall-konfiska taħt l-Ordinanza tad-Dwana u l-Att Dwar Dazju tas-Sisa ġewwa Bormla fl-4 ta' Novembru 2017 bi ksur tal-Artikli 68(1), 69(1) (2), tal-Ordinanza tad-Dwana, Kap 37 u kif ukoll tal-Artiklu 17(2), tal-Att Dwar Dazju tas-Sisa, Kap 382 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi r-rikorrent ħassu ferm aggravat għar-raġunijiet hawn taħt premessi u għalhekk informa lid-Direttur Ġenerali tad-Dwana li huwa kien ser jikkontesta dan il-qbid skont il-liġi permezz ta' zewġ ittri datati 20 ta' Novembru 2017, u ppreżentati d-dwana nhar l-24 ta' Novembru, 2017, hawn ppreżentati bħala 'Dok RC3' u 'Dok RC4'.*

*Illi fl-ewwel lok mhux fattwalment korrett li ġewwa l-vann Peugeot Partner (LCH-639) nstabu "150 kartuna b' 200 sigarett kull kartuna - Business Royals Red". Illi fil-verità, kienu 100 kartuna b'200 sigarett kull kartuna - Business Royals Red u ħames kartuniet b' 200 sigarett kull kartuna - Oris Super Slims Lights li fattwalment instabu mill-uffiċjali tad-dwana ġewwa l-imsemmi vann u għalhekk ir-rikorrent qiegħed jiġi akkużat li huwa kien qiegħed jipposjedi għaxar t'elef sigarett (50 kartuna, b'200 sigarett kull kartuna) aktar milli fattwalment nstabu ġewwa l-vann mill-uffiċjali tad-dwana fit-tfittxija tagħhom.*

*Illi fit-tieni lok l-intimat ma kellu l-ebda dritt li jissekwestra s-sigaretti li nstabu ġewwa r-residenza privata tar-rikorrent. Dan qiegħed jintqal għaliex s-sigaretti kienu eżentati minn kwalunkwe dazji u taxxi, stante li kienu impurtati f'Malta minn ħbieb tar-rikorrent skont il-liġi waqt li kienu qed jivvjaġġaw. Dawn kienu impurtati bl-iskop li jingħataw lir-rikorrent bħala rigal, hekk kif fil-fatt ġara, u kif ser jiġi ppruvat waqt t-trattazzjoni tal-kawża. Illi tali tfittxija fir-residenza tiegħu ma kinitx koperta bl-ebda permess la mid-Direttur tad-Dwana u lanqas mill-Kummissarju tal-Pulzijia. Ai termini tal-Artiklu 71 tal-*

*Kap 37 kien neċessarju Search Warrant maħruġ min Maġistrat jew mill-Avukat Ġenerali. Illi jiġi premess illi mhux biss saret tfittxija rregolari u mhux awtorizzata iżda saħansitra waqt l-aċċess u tfittxija daħlu fid-dar residenzjali tal-esponent aktar min disgħa (9) minn nies li kienu jikkonsistu f'ħames uffiċjali tad-dwana, u erbgħa uffiċċjali tal-Pulizija. Illi għandu jingħand ukoll li fl-ebda ħin l-esponent ma tqiegħed taħt arrest. Illi peress li kien hemm kwantita kbira ta' nies ifittxu fl-istess ħin ġewwa d-dar tal-esponent, l-esponent ma setax joqgħod magħhom sabiex jara individwalment x'kienu qed ifittxu. Illi di piu, l-uffiċjali tad-dwana mhux biss fittxew għal sigaretti iżda wkoll bdew iqallbu f'affarijiet oħra li ma kellhom xejn x'jaqsmu ma' dak li kienu qed iffittxxu u ċioe sigaretti. L-Uffiċjali ma ppreżentaw ebda Search Warrant li jawtorizzahom jaċċedu u jidħlu fil-proprjeta tar-rikorrenti.*

*Illi peress illi ġewwa l-vann r-rikorrent kellu kwantità ferm anqas milli ddikjarat fuq in-nota ta' qbid, kif ukoll li s-sigaretti li nstabu ġewwa r-residenza tiegħu qatt ma kellhom jiġu maqbuda għalhekk isegwi li l-komputazzjoni tal-Valur tal-Qbid fin-Nota ta' Qbid Nru 219/2017 huwa skorrett u għalhekk din għandha tiġi ddikjarata skorretta u nulla.*

*Illi li kieku l-komputazzjoni kienet kif suppost, l-ammont ta' 'dazju pperikolat' kien ikun anqas minn €4,000.00 u għalhekk l-attur kien jkollu l-possibiltà li jersaq għal ftehim mal-Kummissarju ai termini tal-Artikolu 63(1) (a) tal-Kap 37 u seta' jevita dawn il-proċeduri u spejjeż kif ukoll proċeduri ta' natura Kriminali ai termini tal-Artikolu 64A(1) tal-Kap 37.*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, di piu meta wieħed jara l-komputazzjoni tal-Valur tal-Qbid jinduna wkoll li dan huwa irregolari. Skont in-Nota ta' Qbid Nru 219/2017 il-valur tal-qbid tas-sigaretti li allegatament nstabu fil-vettura ġewwa San Ġwann t'Għuxa, Bormla ġie mniżżel bħala €171.77 (dan l-ammont ġie kkomputat hekk: €19.14 + €115.41 + €11.02 + €26.20); filwaqt li l-valur tal-qbid tas-sigaretti li nstabu ġewwa r-residenza tal-Ibraġġ is-Swieqi qiegħed jiġi mniżżel bħala €8,068.23 (dan l-ammont ġie kkomputat hekk: €899.00 + €5,420.66 + €517.82 + €1,230.75). Bir-rispett dovut, dawn il-valuri ma jagħmlux sens għaliex filwaqt li fin-nota ta' qbid qed jiġi ddikjart li ġewwa l-vann instabu wieħed u tletin elf sigarett (31,000), fl-istess nota qiegħed jiġi ddikjarat li ġewwa r-residenza tar-rikorrent nstabu tmin mija u sittin (860) sigarett. Huwa fattwalment impossibbli li l-qbid ta' 31,000 sigarett ikollu valur ta' €171.77, filwaqt li l-qbid ta' 860 sigarett ikollu valur ta' €8,068.23.*

*Illi mingħajr preġudizzju, r-rikorrent jinsab ukoll jikkontesta dawn n-noti ta' Qbid stante li mhux minnu li huwa kiser l-provvedimenti tal-Artikli 60 (a) (b) (k), l-Artikli 68(1), 69(1) (2) tal-Ordinanza tad-Dwana, Kap 37 u 17 (l)(a)(d), kif ukoll tar-Regolament (7) tat-Taqsima C fis-Sitt Skeda, kif ukoll tal-Artiklu 17(2), tal-Att dwar Dazju tas-Sisa Kap 382 Liġijiet ta' Malta hekk kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, jgħid il-konvenut għaliex dina l-Qnorabbli Qorti ma għandhiex:*

1. *Tiddikjara illi n-noti ta' Qbid numru 219/2017 u 220/2017 inħarġu inġustament, b'mod arbitrarju w inġust u għalhekk għandhom jiġu revokati.*

2. *Tiddikjara illi n-Nota ta' Qbid Nru 219/2017 hija vizzjata minn żbalji kemm fuq il-kwantità ta' sigaretti li effettivament instabu, u/jew fuq il-valur kkomputat tal-qbid.*

3. *Sussegwentement tiddikjara illi din hija nulla u mingħajr effett.*

4. *Tiddikjara illi t-tfittxija fid-dar residenzjali tar-rikorrent saret illegalment peress li ma kinitx koperta bl-awtorizzazzjoni prevista mill-liġi.*

5. *Tordna lil konvenut jirrilaxxa kull oġġett jew merkanzija miżmuma fil-pussess tiegħu li jappartjeni lir-rikorrent u tordna r-rilaxx tal-vettura Peugeot Partner (LCH-639).*

*Bl-ispejjeż u l-interessi legali kontra l-konvenut li jibqa' minn issa nġunt in subizzjoni.*

2. Rat illi fil-11 ta’ Jannar 2018 l-intimat Direttur Ġenerali (Dwana) irrisponda għal dak mitlub billi qajjem s-segwenti difiżi:

   *(I) Illi fl-ewwel lok, fil-mertu l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent kif dedotti fir-Rikors Promotur huma insostenibbli stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

   *(II) Illi fit-tieni lok, il-fatti tal-każ li taw lok għal din il-vertenza huma s-segwenti:*

      *(a) Illi fl-4 ta’ Novembru 2017, l-uffiċċjali tad-Dwana għamlu tfittxija fuq vann tal-marka Peugeot Partner bin-numru ta’ reġistrazzjoni LCH 639 fejn ir-rikorrent li hu s-sid tal-vann in kwistjoni inqabad in flagrante jikser il-provvedimenti doganali, stante li ġo l-imsemmija vann kien hemm ammont sostanzjali ta’ sigaretti li ma kienx tħallas id-dazju fuqhom;*

      *(b) Illi b’riżultat ta’ din is-sejba ta’ sigaretti sdazjati fil-vann proprjeta tar-rikorrent, irriżulta li l-imsemmi vann serva bħala l-mezz tal-ġarr tal-oġġetti sdazjati sabiex jiġi evaż id-dazju tal-importazzjoni, id-dazju tas-SISA u t-taxxa fuq il-valur miżjud relattiv fuqhom:*

      *(c) Illi jirriżulta li l-imsemmi vann kellu ġo fih (150) mija u ħamsin kartuna sigaretti sdazjati tal-marka Business Royals Red b’mitejn (200) sigarett ġo kull kartuna u (5) ħames kartuniet b’sigaretti tal-*

*marka Oris Super Slims Lights b'mitejn (200) sigarett ġo kull kartuna;*

(d) *Għalhekk, in segwitu ta' din l-iskoperta ta' sigaretti sdazjati fil-vann in kwistjoni, l-uffiċċjali tad-Dwana flimkien mal-Pulizija għamlu spezzjoni fir-residenza tar-rikorrent Raymond Camilleri fil-fond numru 37, Evergreen, Triq il-Kwarta, Swieqi fejn ġew skoperti aktar sigaretti sdazjati u ċioe : (3) tlett kartuniet sigaretti sdazjati tal-marka Marlboro Red b'mitejn (200) sigarett ġo kull kartuna; (7) sebgħa pakketti Marlboro Red b'għoxrin (20) sigarett kull pakkett, kif ukoll (6) sitt pakketti sigaretti sdazjati tal-marka American Legend b'għoxrin (20) sigarett kull pakkett li ma kinux tħallsu d-dazji u t-taxxi relattivi fuqhom. Għaldaqstant, mill-iskoperta tal-uffiċċjali koncernati, irriżulta li r-rikorrent Raymond Camilleri kien evada l-ammont komplessiv ta' (€7,618.86) sebgħa t'elef, sitt mija u tmintax il-Ewro u sitta u tmenin ċenteżmu f'dazji u taxxi dovuti lill-erarju pubbliku; f'ċirkostanzi ta' aġir irregolari da parte tar-rikorrent fejn l-istess rikorrent ma setgħax jiġġustifika s-sejba tal-istess sigaretti sdazjati fil-pussess tiegħu;*

(e) *Għalhekk, l-esponent qabad l-istess sigaretti sdazjati u l-vann permezz tan-Noti ta' Qbid numru 219 u 220/2017 rispettivament li qed jiġu kontestati permezz ta' din il-proċedura odjerna;*

(III) *Illi fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost, irriżulta lill-esponent li r-rikorrent ma kienx ħallas id-dazju dovut fuq is-sigaretti maqbuda u dan bi ksur tal-Artikolu 60(a)(b)(k) tal-Kap 37 (l-Ordinanza tad-Dwana), kif ukoll tal-Artikoli (17)(l)(a)(d) u r-Regolament 7 - Taqsima C tas-Sitt Skeda tal-Kap 382 (l-Att dwar id-dazju tas-SISA) tal-Liġijiet ta' Malta. Illi għalhekk l-imsemmi vann li ntuża bħala l-mezz tal-ġarr għas-sigaretti sdazjati ġie maqbud ai termini tal-Artikolu 68(1) u 69(1)(2) tal-Kap 37 u l- Artikolu 17(2) tal-Kap 382;*

(IV) *Illi fir-raba' lok u mingħajr preġudizzju, fiċ-ċirkostanzi odjerni l-esponent jirribatti li kif spjegat aktar 'il fuq f'din ir-Risposta, jirriżulta li l-imsemmi vann fil-każ in eżami ntuża bħala l-mezz tal-ġarr tas-sigaretti sdazjati, u għalhekk għandu jirriżulta li n-Noti ta' Qbid in kontestazzjoni ħarġu in ottemperanza mal-liġi doganali; apparti l-fatt li dawn il-proċeduri huma unikament konsegwenza tal-aġir illegali tar-rikorrent u li kieku din l-attivita illeċita ma ġietx skoperta, dan kien jirriżulta f'danni għall-erarju pubbliku u żlealta' kummerċjali fil-konfront ta' kummerċjanti li jottemperaw ruħhom mal-liġijiet doganali;*

(V) *Illi fil-ħames lok u mingħajr preġudizzju, l-esponent jirrileva li mhux minnu li l-esponent indika kwantitajiet skorretti fir-rigward tal-ammont ta' sigaretti sdazjati li nstabu fil-pussess tar-rikorrent kemm fl-imsemmi vann kif ukoll fir-residenza tiegħu. Illi dan jirriżulta mid-dokumenti li*

*jelenkaw l-oġġetti li nstabu u ġew miżmuma pendenti l-investigazzjoni, li r-rikorrent għandu kopja tagħhom bil-firma tiegħu stess; liema dokumenti qed jiġu hawn annessi w immarkati bħala DOK DGD1-5;*

*(VI) Illi ai finijiet ta' kjarezza, għandu jingħad li fin-Nota ta' Qbid li ġġib in-numru ta' referenza 219/2017, fl-aħħar tabella li tindika l-valur u l-ammont totali ta' evażjoni ta' dazju u taxxi, l-ittri 'A' u B' ġew invertiti bi żvista. Illi minkejja dan, għandu jingħad li l-ammonti hemm indikati jirriflettu korrettament l-ammont ta' dazji u taxxi li ġew evażi mir-rikorrent f'dan il-każ;*

*(VII) Illi fis-sitt lok u mingħajr preġudizzju, l-esponent jirrileva li l-ispezzjoni kemm fl-imsemmi vann, kif ukoll fir-residenza tar-rikorrent saret legalment ai termini tal-proviso tal-Artikolu 71 tal-Kap 37, li del resto hi liġi speċjali tad-Dwana, f'ċirkostanzi fejn l-uffiċċjali konċernati skoprew fil-pussess tar-rikorrent oġġetti sdazjati miżmumin kontra l-provvedimenti doganali;*

*(VIII) Salv eċċezzjonijiet ulterjuri; jekk ikun il-każ.*

*Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-Rikors bħala infondati fil-fatt u fid-dritt; bl-ispejjeż fil-konfront tar-rikorrent.*

**Provi:**

3. Rat illi fil-31 ta' Jannar 2018, il-kawża ġiet differita għas-smiegħ tax-xhieda.

4. Rat l-affidavit ta' **Raymond Camilleri** ippreżentat fid-19 ta' Novembru 2018 (fol 46).

5. Rat l-affidavit ta' **Yolanda Galea** ippreżentat fid-19 ta' Novembru 2018 (fol 48).

6. Rat ix-xhieda ta' **Neville Cesareo** ippreżentata mir-rikorrent u mogħtija fil-proċeduri kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Raymond Camilleri li kienet qed tinstema' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali) datata 15 ta' Jannar 2018 (fol 56).

7. Rat ix-xhieda ta' **Frederick Micallef** ippreżentata mir-rikorrent u mogħtija fil-proċeduri kriminali fl-atti fl-ismijiet Pulizija vs Raymond Camilleri datata 15 ta' Jannar 2018 (fol 59).

8. Rat illi fit-8 ta' Ottubru 2019 dina l-Qorti, kif ippresjeduta, ħadet konjizzjoni tal-każ.

9. Rat illi fil-11 ta' Diċembru 2019 ir-rikorrent ddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

10. Rat l-affidavit ta' **Mario Mifsud** ippreżentat fid-19 ta' Ġunju 2020 (fol 81).

11. Rat l-affidavit ta' **Neville Cesareo**, uffiċċjal fid-Dipartiment tad-Dwana ippreżentat fis-17 ta' Settembru 2020 (fol 97).

12. Semgħet ix-xhieda ta' **Raymond Camilleri** in kontro-eżami datata 25 ta' Settembru 2020 (fol 97).

13. Semgħet ix-xhieda ta' **Yolanda Galea** in kontro-eżami datata 25 ta' Settembru 2020 (fol 112).

14. Rat id-dokumentazzjoni ippreżentata mill-intimat, ossija sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati datata 27 ta' Ġunju 2014 fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spett Carmelo Magri) vs Raymond Camilleri' (fol 122).

15. Semgħet ix-xhieda ta' Mario Mifsud datata 18 ta' Novembru 2020 (fol 157).

16. Rat illi fit-18 ta' Novembru 2020 il-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijiet tal-partijiet bil-miktub.

17. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Raymond Camilleri ppreżentata fis-16 ta' Frar 2021 (fol 172).

18. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-Direttur Ġenerali (Dwana) ippreżentata fid-19 ta' April 2021 (fol 179).

19. Rat illi fil-21 ta' April 2021 il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

## Fatti tal-każ

20. Fl-4 ta' Novembru 2017, l-uffiċċjali tad-Dwana, wara li segwew il-vann Peugeot Partner numru LCH 639, u tfittxija fl-istess vann, instab ammont sostanzjali ta' sigaretti li ma tħallsux dazju fuqhom. Infatti, l-imsemmi vann, li r-rikorrent huwa sid tiegħu, kien qed iġorr 150 kartuna sigaretti sdazjati tal-marka Business Royals Red, b'mitejn (200) sigarett ġo kull kartuna, u ħames (5) kartuniet b'sigaretti tal-marka Oris Super Slim Lights b'mitejn (200) sigarett f'kull kartuna.

21. Jirriżulta li sussegwentmet għal din is-sejba, l-uffiċċjali tad-Dwnaa flimkien mal-Pulizija għamlu spezzjoni fir-residenza tal-attur Raymond Camilleri fil-fond 37, Evergreen, Triq il-Kwarta, Swieqi. Hemmhekk, instabu aktar sigaretti sdazjati, fosthom tlett kartuniet sigaretti tal-marka Marlboro Red b'mitejn (200) sigarett f'kull kartuna, seba' pakketti Marlboro Red b'għoxrin sigarett kull pakkett, u sitt pakketti sigaretti sdazjati tal-marka American Legend b'għoxrin sigarett kull pakkett.

22. Jirriżulta li kienet inħarġet in-Nota ta' Qbid Numru 219/2017 għas-sigaretti sdazjati li nstabu ġol-vann tar-rikorrent Peugeot Partner (LCH-639) (Dok RC1). Jirriżulta wkoll li nħarġet Nota ta' Qbid Numru 220/2017, li nħarġet għall-konfiska tal-vann Peugeot Partner (LCH-639) peress li l-vettura ntużat bħala mezz ta' ġarr/ħabi għal sigaretti sdazjati (Dok RC2).

23. Ir-rikorrent ikkontesta dawn l-ordnijiet u bagħat żewġ ittri lid-Direttur Ġenerali (Dwana) sabiex jinfurmah li kien ser jikkontesta dan il-qbid permezz ta' żewġ ittri li huwa bagħat datati 20 ta' Novembru 2017 u 24 ta' Novembru 2017 rispettivament, eżebiti bħala Dok RC3 u RC4. In segwitu, min-naħa tad-Dipartiment intbagħtu kopja ta' konferma tan-notifiki tal-ittri tal-oġġezzjoni għall-qbid 219/2017 u 220/2017 (Dok RC5 u Dok RC6).

24. Jirriżulta li permezz tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) (97/2006) datata 27 ta' Ġunju 2014, eżebita fl-atti bħala Dok DGD, ġie deċiż li r-rikorrent kien ħati tal-akkuża tar-riċettazzjoni u tal-akkuża dwar in-nuqqas ta' ħlas ta' dazju fuq l-oġġetti li nstabu fil-pussess tiegħu. Ġie kkundannat iħallas multa ta' Ewro 90,581.99 bħala evażjoni tat-taxxa oltre` s-somma ta' Ewro 500 skont il-Kap 382. Ir-rikorrent ġie kkundannat ukoll piena kalċerarja ta' tlett xhur sospiżi għal tmintax-il xahar skont l-Artikolu 28A tal-Kap 9, u l-oġġetti kollha imsemmija f'dan il-każ ġew ikkonfiskati.

## Ikkunsidrat

25. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent qiegħed, permezz tal-azzjoni preżenti, jattakka n-Nota ta' Qbid numru 219/2017 maħruġa mill-intimat. Ir-rikorrent qed jikkontendi li n-Nota ta' Qbid 219/2017 inħarġet inġustament u għandha tiġi revokata, filwaqt li ġie sostnut fit-talbiet tar-rikorrent, li n-Nota ta' Qbid numru 219/2017 hija vvizzjata minn żbalji, b'hekk għandha tiġi annullata. Inoltre`, ġie sostnut ukoll, li t-tfittxija fid-dar tar-rikorrent saret illegalment. Di piu`, ir-rikorrent talab li l-merkanzija miżmuma tiġi ritornata, filwaqt li l-vettura Peugeot Partner (LCH-639) tiġi rilaxxata.

26. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-konvenut Direttur Ġenerali (Dwana) qajjem dawn id-difiżi fejn sostna li fil-mertu, l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma nfondati u insostenibbli stante li mit-tfittxijiet li saru, irriżulta li r-rikorrent ma kienx ħallas id-dazju dovut fuq is-sigaretti maqbuda bi ksur tal-Artikolu 60(a), (b), u (k) tal-Kap 37 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll bi ksur tal-Artikolu 17(1) (a) u (d) ta' Regolament 7 Taqsima C tas-Sitt Skeda tal-Kap 382. Għalhekk, l-imsemmi vann ġie maqbud ai termini tal-Artikolu 68(1) u 69(1)(2) tal-Kap 37 u l-Artikolu 17(2) tal-Kap 382, liema vann intuża bħala l-mezz ta' ġarr tas-sigaretti sdazjati. Ġie eċċepit ukoll, li mhuwiex minnu li ġew indikati kwantitajiet skorretti fl-ammont ta' sigaretti sdazjati, kif allegat mir-rikorrent. Inoltre`, il-konvenut laqa' wkoll billi rrileva li l-ispezzjonijiet li saru fl-imsemmi vann u fir-residenza tar-rikorrent saru legalment abbażi tal-Artikolu 71 tal-Kap 37 tal-Liġijiet ta' Malta.

## Meritu tal-każ

27. Ir-rikorrent qed jilmenta li n-Noti ta' Qbid in kwistjoni mhumiex ġustifikati, u għandhom jiġu revokati. It-talbiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma ppernjati fuq il-fatt minnu allegat, li ġew indikati kwantitajiet ta' sigaretti inkorretti peress li xi wħud

mis-sigaretti kienu jinsabu fejn l-imsemmi Vann Peugeot Partner appartenenti lir-rikorrent u mhux ġol-vann innifsu. Ir-rikorrent qed jilmenta wkoll mill-ispezzjonijiet li saru fil-vann u fir-residenza tiegħu. Konsegwentement, qed jitlob ir-rilaxx tal-merkanzija u r-rilaxx tal-vettura vann Peugeot Partner (LCH-639).

28. Fis-sottomissjonijiet tiegħu, r-rikorrent irrefera għall-fatt li skont l-Artikoli 63(1)(a) u 63A tal-Kap 37, huwa kellu d-dritt jiddeċiedi li jersaq għal ftehim biex jevita l-proċedura odjerna. Iżda, kif tajjeb sottomess mill-konvenut, fis-sottomissjonijiet, id-dazju perikolat f'dan il-każ, jeċċedi aktar minn €4,000 imsemmija fl-Artikolu 63A tal-Kap 37. Il-Qorti tirrileva, li l-ammont ta' dazju perikolat jeċċedi l-€4,000 anke jekk ma jingħaddux il-kartuniet ta' sigaretti, ikkontestati mill-istess rikorrent. B'hekk, anke f'każ ta' ftehim bil-miktub bejn il-partijiet, il-qbid tal-oġġetti kien ser jissussisti xorta waħda.

29. Għalhekk, dak sostnut mir-rikorrent abbażi tal-Artikolu 63A tal-Kap 37 mhuwiex ġustifikat.

30. Jingħad fl-ewwel lok, li l-Qorti trid tindirizza l-ilment tar-rikorrent mill-ottika tal-fatti u ċirkostanzi tal-każ eżistenti. Jirriżulta evidentement, li meta ġie segwit il-vann Peugeot Partner misjuq mir-rikorrent f'direzzjoni għal garaxx f'San Ġwann t'Għuxa, għand persuna msejħa "l-Paddy", saru l-ispezzjonijiet da parti tal-uffiċċjali tad-Dwana dakinhar stess tal-4 ta' Novembru 2017, kemm fl-imsemmi vann tar-rikorrent u kif ukoll fir-residenza tiegħu. Kien biss in segwitu għall-iskoperta ta' ammont sostanzjali ta' sigaretti sdazjati fil-vann Peugeot Partner, fejn jirriżulta li r-rikorrent kien qed jevadi d-dazju tal-importazzjoni skont il-liġijiet doganali, li l-uffiċċjali tad-Dwnaa, flimkien mal-Pulizija ipproċedew biex jagħmlu spezzjoni fir-residenza tar-rikorrent fis-Swieqi fejn instabu aktar sigaretti sdazjati.

31. M'huwiex ikkontestat, li dawn huma s-serje ta' fatti li ssuċċedew dakinhar tal-4 ta' Novembru 2017. Li huwa ikkontestat mir-rikorrent huwa li fuq in-Nota ta' Qbid Numru 219/2017 hemm indikat ammont skorrett ta' sigaretti sdazjati, u li fin-Nota ta' Qbid numru 219/2017 'A' ġiet invertita f' 'B', għalhekk qed jikkontesta l-validita` tan-Nota ta' Qbid.

32. Fis-sottomissjonijiet tiegħu, il-konvenut, sostna li fl-aħħar tabella li tindika l-evażjoni ta' dazju fin-nota' Ta' Qbid numru 219/2017, l-ittri A u B ġew invertiti bi żvista. Iżda l-ammonti hemmhekk indikati ta' sigaretti u ta' evażjoni ta' dazju u taxxi huma korretti. Ġie sottomess li huwa minnu li kartuniet ta' sigaretti nstabu fejn il-vann tar-rikorrent Peugeot Partner waqt li huwa kien qed iġorr is-sigaretti sdazjati, biex imur iqassam, madankollu fid-dokument, Dok RC1 eżebit fl-atti, iffirmat mill-istess rikorrent, hemm indikati numru ta' pakketti ta' sigaretti kif indikati fin-Nota ta' Qbid 219/2017.

33. Il-konvenut irrefera wkoll fis-sottomissjonijiet, għall-każijiet **Joseph Schembri vs Kontrollur tad-Dwana** deċiża mill-P.A. fit-3 ta' Ottubru 2001, u għall-każ **Priscilla Cassar vs Kontrollur tad-Dwana**, deċiż mill-P.A. fid-29 ta' Jannar 2010, fejn ingħad li l-istħarriġ li għandu jsir mill-Qorti, huwa dwar eżami taċ-ċirkostanzi fid-dawl tal-

liġijiet doganali applikabbli, billi tara jekk it-talba tar-rikorrent biex jieħu lura l-ħwejjeġ konfiskati hijiex ġustifikata, iżda mhux li tiddikjara valida jew nulla n-nota ta' qbid. Ġie sottolineat ukoll mill-konvenut fis-sottomissjonijiet, li mhuwiex minnu li t-tfittxija fir-residenza tar-rikorrent saret bi ksur tal-Artikolu 71 tal-Kap 37. Infatti, ġie sostnut, li t-tfittxija bl-assistenza tal-Pulizija saret a tenur tal-Artikolu 71 tal-Kap 37 u kien imminenti li ssir t-tfittxija b'mod immedjat, sabiex ma jkunx hemm riskju li l-oġġetti sdazjati jiġu mneħħija jew moħbija. Inoltre`, jirriżulta, li r-rikorrent iffirma l-formola u d-dokument doganali tal-oġġetti kollha li nqabdu b'evażjoni ta' dazju u taxxa, anke b'referenza għan-numru ta' kartuniet sigaretti misjuba u maqbuda fir-residenza tiegħu.

34. Jingħad fl-ewwel lok, li n-Nota' ta' Qbid in kwistjoni inħarġet abbażi ta' ksur tar-regolamenti fl-artikoli segwenti. **L-Artikolu 68(1) tal-Kap 37** (l-Ordinanza tad-Dwana) jipprovdi:

> *"Il-bastimenti, il-vetturi jew mezzi oħra ta' ġarr, flimkien maż-żwiemel jew annimali u ħwejjeġ oħra li jkunu saru xjentement użu minnhom fl-importazzjoni, fl-iżbark, fit-twarrib, fit-tiżmim, fil-ħabi, jew fil-ġarr ta' oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas jew li jkunu, taħt din l-Ordinanza, suġġetti għal konfiska għandhom jiġu kkonfiskati."*

35. **L-Artikolu 69(1) tal-Kap 379** (l-Ordinanza tad-Dwana) jistipula:

> *(1)"Il-bastimenti, l-oġġetti, il-vetturi jew mezzi oħra ta' ġarr, flimkien maż-żwiemel jew annimali jew ħwejjeġ oħra suġġetti għall-konfiska, jistgħu jiġu maqbuda f'kull lok, sew fuq l-art kemm fuq il-baħar, minn kull uffiċċjal tad-Dwana jew tal-Pulizija, u meta dawn il-bastimenti, oġġetti, vetturi jew mezzi oħra ta' ġarr flimkien maż-żwiemel u annimali u ħwejjeġ oħra jiġu maqbuda, għandhom jitqiegħdu minnufih taħt idejn il-Kummissarju jew b'xi mod ieħor jitpoġġew f'qagħda sikura fejn il-Kummissarju jkollu kontroll.*
>
> *(2)"Fil-konfiska ta' bastimenti, vetturi jew annimali jitqiesu li jidħlu l-armar, l-għodod u t-tagħmir tagħhom, u fil-konfiska ta' oġġetti jitqiesu li jidħlu l-kollijiet li fihom jinsabu l-oġġetti u dak kollu li l-kollijiet ikun fihom."*

36. **L-Artikolu 17(2) tal-Kap 382** (l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa) jgħid hekk:

> *"……vetturi, il-bastimenti jew mezzi oħra ta' ġarr, użati jew li ser ikunu użati għal importazzjoni, fl-iżbark, fit-twarrib, fiż-żamma, fil-ħabi, jew fil-ġarr ta' oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas jew li jkunu, taħt dan l-Att, soġġetti għal konfiska flimkien mal-proprjeta`, mobbli jew immobbli, illi fiha jinstabu l-oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas jew li jkun soġġett għal konfiska, għandhom jiġu konfiskati."*

37. Il-parametri legali f'azzjoni ta' din ix-xorta ġew enunċjati b'mod approfondit fil-ġurisprudenza. Fil-każ **John Ellul vs Direttur Ġenerali (Dwana)** deċiża fl-24 ta' Settembru 2019, ingħad hekk:

> "*Fis-sentenza Priscilla Cassar vs il-Kontrollur tad-Dwana mogħtija mill-Qorti tal-Appell ġie spjegat li "Dak li trid tara l-Qorti f'dawn il-proċeduri huwa li teżamina ċ-ċirkostanzi tal-każ fid-dawl tal-liġijiet doganali applikabbli u tara jekk ir-rikorrent huwiex intitolat li jieħu 'lura l-ħwejjeġ hekk konfiskati'… Id-dmir tal-Qorti f'dawn iċ-ċirkostanzi hu mhux li tiddikjara valida jew nulla n-Nota ta' Qbid maħruġa mill-intimat… iżda li teżamina u tiddetermina jekk effettivament kienx hemm il-ksur allegat mid-disposizzjonijiet invokati mill-intimat biex jiġġustifika l-qbid u għalhekk jekk il-qbid tal-oġġetti relattiv kienx legalment ġustifikat.*"

38. Fil-każ **Mario Falzon vs Kummissarju tad-Dwana** deċiż mill-P.A. fil-31 ta' Mejju 2018 ingħad:

> *"... l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qrati nostrana għall-proċedura ta' konfiska hija li din hija klassifikata bħala azzjoni in rem".*

39. Fil-każ deċiż mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Jannar 2016, **Ahmed Ibrahim Hassan Ahmed Arafa vs Kontrollur tad-Dwana**, fejn ġiet ittentata azzjoni skont l-Artikolu 72 tal-Kap 37, u kien ġie sostnut li r-rikorrent kien estraneu għall-allegat reat ġie ribadit:

> *"Jiġi osservat mill-ewwel li dan l-Artikolu ma jipprovdix biss għall-konfiska f'każ ta' żbark jew importazzjoni iżda saħansitra għat-twarrib, żamma, ħabi jew sempliċi ġarr ta' ħwejjeġ li huma soġġetti għall-konfiska. Darba li fuq il-vapur kien hemm oġġetti 'suġġetti għall-konfiska' (ara wkoll l-Artikolu 6(5) tal-imsemmija Ordinanza) il-konfiska tal-bastiment hija waħda mandatorja".*
>
> *L-appellant ġustament jisħaq li taħt din il-liġi speċjali ma hemm l-ebda limitazzjoni jew eċċezzjoni għal tali konfiska kontemplata, fis-sens li la darba jirriżulta ksur tal-provvediment tal-Artikolu 68, il-konfiska hemm imsemmija hija mandatorja, billi l-Kontrollur tad-Dwana ma ngħata ebda diskrezzjoni."*
>
> *"Fil-fatt, fil-ġurisprudenza tagħna ġie kostatament ritenut illi 'għal fini tal-Artikolu 68 dak li jitqies l-aktar ċentrali hu l-fatt li l-vettura intużat biex jiġi imwettaq reat kontra l-Ordinanza Doganali u li, in kwantu tali, kien assoġġett l-istess vettura għal konfiska. Anke jekk il-fatti huma diversi, l-osservazzjoni in calce tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Frar 2003 fil-każ* ***Cara Limited vs Kontrollur tad-Dwana*** *tibqa' waħda valevoli. A propożitu jingħad fiha illi l-proċeduri ta' konfiska huma proċeduri in rem. Ġaladarba l-merkanzija daħlet Malta kontra l-Ordinanza tad-Dwana, l-intimat kellu s-setgħa li jikkonfiskaha. (Ara* ***Francis Xuereb pro et noe vs***

> ***Kontrollur tad-Dwana****) deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-10 ta' Ottubru 2005)."*

40. Tajjeb jiġi puntwalizzat, li huwa paċifiku fil-ġurisprudenza, li x-xjenza o meno ta' sid il-vettura m'għandhiex eżitu fuq il-materja in kwistjoni. Kif ritenut fil-każ **Helen Samantha Brett vs Kontrollur tad-Dwana**, deċiża mill-PA fid-29 ta' Ottubru 2010:

> *"Illi minn qari tal-Artikolu 68(1) tal-Kap 37 jirriżulta bla ebda dubju illi x-xjenza li qiegħed jitkellem fuqha l-leġislatur hija ta' dak li jkun qiegħed juża l-bastiment. Imkien il-liġi ma tagħmel distinzjoni bejn is-sid u l-utent tal-istess bastiment. Għalhekk fejn il-liġi ma tiddistingwix lanqas m'għandhom jiddistingwu dawn il-Qrati."*

41. Ġie saħansitra ritenut fil-każ **Louis Camilleri vs Kontrollur tad-Dwana** deċiża mill-PA fit-8 ta' Ottubru 2008, li tant il-konfiska hija proċedura in rem, ġaladarba l-merkanizja tkun daħlet Malta kontra l-Ordinanza tad-Dwana, li s-setgħa ta' konfiska tibqa' tipprevali anke f'każ li r-rikorrent jiġi liberat kriminalment, b'dan li xorta waħda l-intimat kien ġustifikat li joħroġ in-nota ta' qbid fuq il-vettura għaliex kien hemm raġunijiet biżżejjed taħt is-subartikolu 61 u 62 tal-Kap 37.

42. Inoltre`, jinsab ukoll assodat fil-ġursiprudenza, li meta r-rikorrent jattakka l-ħruġ ta' Nota ta' Qbid sta għalih li jġib il-prova meħtieġa sabiex din il-Qorti tiddeċiedi fuq bażi ta' probabilita` dwar jekk il-konvenut kienx ġustifikat li joħroġ nota kontestata u dan abbażi tal-liġi tad-dwana fuq kunsiderazzjoni waħdanija dwar iż-żamma u ġarr ta' ħwejjeġ li fuqhom ma tħallasx dazju. (Ara **Philip Cardona vs Direttur Ġenerali Dwana**, deċiża mill-P.A. fl-20 ta' Frar 2017; **Cara Limited vs Kontrollur tad-Dwana** deċiża fis-27 ta' Frar 2003.

43. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, tqis li l-attur ma aderixxiex ruħu ma' l-oneru tal-prova, stante li kien jinkombi fuqu li jipprova dak minnu allegat. Jingħad fl-ewwel lok, li d-dikjarazzjoni doganali bid-dettalji tal-vettura, iffirmati mill-istess rikorrent turi evidentement, li ma ġewx iddikjarati s-sigaretti li fuqhom kellha titħallas it-taxxa fuqhom, liema sigaretti instabu fil-vann Peugeot Partner tar-rikorrent u fir-residenza tiegħu. Jiġi osservat, li mill-provi jirriżulta, li dawn is-sigaretti, kollha misjuba u kkonfiskati ma kellhomx is-siġill rikjest bil-faxxa tas-Sisa. Kif ikkonfermat f'Dok RC1 eżebit mar-rikors promotur, permezz ta' Nota ta' Qbid 219/2017, inqabdu 150 kartuna b'200 sigarett Business Royals Red, ħames kartuniet sigaretti b'200 sigarett Oris Super Slim Lights. Ġew elenkati wkoll is-sigaretti misjuba fir-residenza tar-rikorrent, konsistenti fi 3 kartuniet b'mitejn sigarett kull kartuna Marlboro Red, kartuna b'7 pakketti b'20 sigarett kull pakkett Marlboro Red, u sitt pakketti b'għoxrin sigarett kull pakkett American Legend. Id-dokument Dok RC1 li jindika dawn l-ammonti ta' sigaretti maqbuda huwa iffirmat mir-rikorrent Raymond Camilleri.

44. Kif sewwa ritenut fil-prinċipji enunċjati fil-ġurisprudenza, f'azzjoni ċivili ta' din ix-xorta, il-Qorti m'hijiex tindaga dwar il-ħtija o meno tar-rikorrent iżda jekk id-Direttur Ġenerali Dwana kienx fis-sewwa meta ta lok għall-qbid ta' l-oġġetti maqbuda. Fil-każ odjern, f'Dok DGD, s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, bħala Qorti tal-Ġudikatura

Kriminali deċiża fis-27 ta' Ġunju 2014, fil-konfront tar-rikorrent, jirriżulta li Raymond Camilleri instab ħati għall-evażjoni ta' taxxa. Għalhekk, kif ritenut fil-każ suċitat **Louis Camilleri vs Kontrollur tad-Dwana**, anke fejn l-individwu ikun liberat kriminalment, l-ordni ta' konfiska ta' oġġetti tibqa' tipprevali. Fil-każ odjern, fejn ir-rikorrent instab ħati kriminalment għall-evażjoni ta' taxxa, ma jistax jingħad li l-ordni ta' konfiska m'għandhiex tipprevali, kif qed jittenta jsostni r-rikorrent, aktar u aktar meta huwa ffirma d-dokument Dok RC1, b'mod li kkonferma d-dettalji kollha hemmhekk indikati.

45. Madankollu, r-rikorrent xorta qed jittenta jattakka n-Nota ta' Qbid 219/2017 abbażi ta' allegati inkorrettezzi. Ir-rikorrent jirreferi għax-xhieda ta' Frederick Micallef, Uffiċċjal tad-Dwana, f'dan ir-rigward, li qal li t-tlett *'master cases'* sigaretti kkontestati mir-rikorrent kienu barra l-garaxx tal-'Paddy' f'San Ġwann t'Għuxa. Minn naħa l-oħra, Neville Cesareo u Mario Mifsud sostnew li t-tlett *'master cases'* in kwistjoni instabu biswit il-vann Peugeot Partner appartenenti lir-rikorrent. Jibda biex jingħad, li r-rikorrent fix-xhieda tiegħu kkonferma li kellu fil-pussess tiegħu s-sigaretti sdazjati fil-vann tiegħu liema sigaretti kien akkwistahom mingħand wieħed Għarbi. Ir-rikorrent ikkonferma wkoll li mar għand il-garaxx tal-Paddy f'San Ġwann t'Għuxa biex ibiegħ dawn is-sigaretti. Fl-ammissjoni ta' l-istess rikorrent għal dawn ir-riżultanzi fattwali, il-verżjoni tax-xhieda ta' Frederick Micallef, ftit li xejn tikkonforta t-teżi tar-rikorrent f'dan ir-rigward. Il-fatt, li t-tlett *'master cases'* imsemmija instabu barra l-garaxx tal-Paddy, fejn kien wasal il-vann Peugeot Partner tar-rikorrent, ċertament, ma hijiex xhieda kunfliġġenti ma' dik ta' Neville Cesareo u Mario Mifsud, li sostnew li t-tlett *'master cases'* sigaretti instabu ma' l-art biswit il-vann. Anzi, jitqies li x-xhieda tat-tlett Uffiċċjali tad-Dwana tikkorrobora l-istess verżjoni, meta jitqiesu l-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-każ mill-assjem tal-provi, u dan dwar kif ġraw is-serje ta' fatti dakinhar tal-4 ta' Novembru 2017.

46. Għalhekk, fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi, ir-rikorrent naqas ukoll milli jissostanzja dak minnu allegat dwar ammont skorrett ta' pakketti ta' sigaretti indikati fin-Nota ta' Qbid Numru 219/2017. Din il-prova kienet tinkombi fuqu. Iżda, ir-rikorrent ma rnexxilux jipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti, li t-tlett *'master cases'* sigaretti in kwistjoni ma kinux tiegħu, u li ma kellhomx jiġu kkonfiskati.

47. Fl-każ in eżami, inħarġu żewġ noti ta' Qbid 219/2017 b'referenza għas-sigaretti sdazjati, u 220/2017 b'referenza għall-konfiska tal-vettura Peugeot Partner. Illi ma kienx hemm il-ħtieġa għall-ħruġ ta' Nota, peress li l-qbid ta' ħwejjeġ sdazjati sar quddiem ir-rikorrent Raymond Camilleri li ffirma għall-formoli tal- '*items withheld by customs*', kif jidher minn Dok RC1 li huwa d-dokument li jinħareġ u li jirriżulta li f'dan il-każ ġie ffirmat mir-rikorrent. Għalhekk, il-Qorti tqis li da parti tal-konvenut, kollox sar skont il-liġi. Infatti l-**Artikolu 72(1) tal-Kap 37 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi:

> *"Kull meta jsir qbid, minbarra meta jsir quddiem il-ħati jew is-sid ta' oġġetti soġġetti għal konfiska taħt din l-Ordinanza, l-uffiċċjal li jagħmel il-Qbid għandu jagħti avviż bil-miktub ta' dan il-qbid u tar-raġuni tiegħu lil*

> *sid l-oġġetti maqbuda, jekk magħruf sew billi jagħti dan l-avviż lilu personalment jew b'ittra irreġistrata indirizzata lilu jew imħollija fil-lok magħruf bħala l-aħħar li fih kien joqgħod jew li kellu n-negozju tiegħu f'Malta."*

48. Dan ifisser li r-rikorrent kellu x-xjenza meħtieġa rigward il-qbid tas-sigaretti sdazjati, tant li huwa stess ikkonferma fix-xhieda tiegħu, li kien ottjena dawn is-sigaretti mingħand wieħed Għarbi. Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, l-azzjoni tar-rikorrent biex jattakka l-validita` tan-Nota ta' Qbid 219/2017 ma tistax tirnexxi.

49. Għaldaqstant, tiċħad, l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba tar-rikorrent.

**Talba b'referenza għat-tfittxija fir-residenza tar-rikorrent**.

50. Tramite r-raba' talba, r-rikorrent talab li jiġi dikjarat li t-tfittxija li saret fir-residenza tiegħu, 37, 'Evergreen', Triq il-Kwarta, Swieqi, hija illegali stante li ma kinitx koperta bl-awtorizzazzjoni prevvista mil-liġi. Għalhekk, ir-rikorrent qed jikkontendi li l-ispezzjoni li saret bl-assistenza tal-Pulizija fid-dar tiegħu dakinhar tal-4 ta' Novembru 2017 saret bi ksur tal-Artikolu 71 tal-Kap 37 tal-Liġijiet ta' Malta.

51. **L-Artikolu 71 tal-Kap 37** tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi:

> *"Iżda, meta xi uffiċċjal tad-Dwana jew uffiċċjal tal-Pulizija jkollu raġuni tajba biex jissuspetta li xi oġġetti projbiti jew li ma tħallasx dazju fuqhom huma milqugħa, jew miżmuma jew moħbija f'xi post bħal dak imsemmi qabel u jkollu raġuni tajba biex jifhem li hemm perikolu imminenti li xi oġġetti bħal dawn jiġu imneħħija jew meqruda, dak l-uffiċċjal tad-dwana, jekk awtorizzat għal hekk mill-Kummissarju, jew dak l-uffiċċjal tal-Pulizija jekk awtorizzat għalhekk mill-Kummissarju tal-Pulizija, jista' jeżerċita dwar dak il-post imsemmi qabel is-setgħat imsemmija f'dan l-artikolu bl-istess mod bħallikieku kien awtorizzat li jagħmel hekk b'mandat maħruġ skont dan l-artikolu."*

52. Jirriżulta, li n-Noti ta' Qbid 219/2017 u 220/2017 maħruġa huma ġustifikati skont id-disposizzjonijiet tal-liġi.

53. Għalhekk, sa fejn l-azzjoni tar-rikorrent hija imsejsa fuq in-nuqqas ta' formalita` u jew allegati inkorrettezzi b'referenza għan-Nota ta' Qbid numru 219/2017, l-azzjoni tar-rikorrent ma treġġix. Inoltre`, fejn l-azzjoni tar-rikorrent hija imsejsa fuq il-formalitajiet rikjesti għall-ħruġ tan-Nota ta' Qbid, referibbilment għal dak mitlub fir-raba' talba dwar l-allegat illegalita` tat-tfittxija fid-dar residenzjali tiegħu, l-azzjoni ittentata mir-rikorrent mhijiex mistħoqqa. Di piu`, ma ntweriex bl-ebda mod, li d-Direttur Ġenerali (Dwana) jew l-uffiċċjali tiegħu imxew bi ksur ta' liġi jew b'mod inġustifikat mar-rikorrent.

54. Għaldaqstant, tiċħad ukoll, ir-raba’ talba tar-rikorrent.

55. Referibbilment għall-ħames talba tar-rikorrent fejn talab ir-rilaxx tal-oġġetti u merkanzija ikkonfiskati, u kif ukoll r-rilaxx tal-vettura Peugeot Partner (LCH-639), fl-ammissjoni tar-rikorrent li kien ottjena u kellu fil-pussess tiegħu sigaretti sdazjati, din it-talba ma tistax tintlaqa’. In segwitu għall-konferma tar-rikorrent f’xhieda in kontro-eżami, li huwa kellu s-sigaretti sdazjati fil-vann Peugeot Partner hawnhekk imsemmi, kif fil-fatt irriżulta mill-ispezzjoni u t-tfittxija tal-uffiċċjali tad-Dwana, huwa inawdibbli li r-rikorrent jippretendi li ma tiġix ikkonfiskata l-vettura li biha huwa kien qed iġorr is-sigaretti sdazjati. Mhuwiex bl-ebda mod ikkontestat li fil-vettura Peugeot Partner (LCH-639), ir-rikorrent żamm konsenja ta’ sigaretti, li kienu fil-pussess tiegħu mingħajr ma ħallas il-valur sħiħ ta’ dazju, liema merkanzija kien qiegħed ibiegħ illegalment u għamel użu mill-vettura Peugeot Partner (LCH-639) biex jagħmel dan.

56. Għaldaqstant, il-ħames talba tar-rikrorent hija wkoll inġustifikata u m’għandhiex tintlaqa’.

**Konklużjoni**

Il-Qorti;

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tar-rikorrent, u tal-konvenut Direttur Ġenerali (Dwana);

Tgħaddi biex taqta’ u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tilqa’** l- eċċezzjonijiet kolha tal-konvenut.

**Tiċħad** it-talbiet kollha tar-rikorrent għar-raġunijiet spjegati.

**L-ispejjeż** għall-proċeduri odjerni għandhom ikunu a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur